



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 26 ta' Frar 2024
(OR. en)

7055/24

ENT 45
MI 223
COMPET 232
IND 107
TRANS 117
DELECT 30

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	14 ta' Frar 2024
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2024) 823 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 14.2.2024 li jemenda r-Regolament (UE) 2015/758 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards relatati mal-eCall

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument C(2024) 823 final.

Mehmuż: C(2024) 823 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.2.2024
C(2024) 823 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 14.2.2024

**li jemenda r-Regolament (UE) 2015/758 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-
rigward tal-istandards relatati mal-eCall**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Ir-Regolament (UE) 2015/758 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ jagħmilha mandatorja li sistema 112 eCall tiġi mmuntata fit-tipi ġodda kollha tal-vetturi tal-kategoriji M₁ u N₁ mill-31 ta' Marzu 2018 'il quddiem. Is-sistema eCall iċċempel awtomatikament in-numru Ewropew ta' emerġenza 112 f'każ ta' inċident serju tat-traffiku, u b'hekk tnaqqas il-ħin tar-rispons u ssalva l-ħajjiet.

Is-sistema eCall bħalissa taħdem fuq networks ċellulari circuit-switched 2G/3G. Madankollu, l-operaturi mobbli qed jippjanaw li jeliminaw b'mod gradwali t-2G/3G bejn l-2025 u l-2030. Għalhekk, hemm ħtieġa urġenti li s-sistemi ta' telefonati ta' emerġenza jiġu adattati għan-networks l-aktar ġodda ta' komunikazzjoni packet-switched 4G/5G.

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li taġġorna r-referenzi għall-istandards li fuqhom huma bbażati r-rekwiżiti tekniċi għall-approvazzjoni tas-sistemi eCall (l-Artikolu 5(9) tar-Regolament (UE) 2015/758). Il-Kumitat Ewropew għall-istandardizzazzjoni (CEN) dan l-aħħar adotta speċifikazzjonijiet tekniċi ġodda relatati mal-eCall ibbażati fuq networks packet-switched. Dawn l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi huma mistennija li jiġu ttrasformati fi standards fl-2025.

Dan ir-regolament delegat tal-Kummissjoni jemenda l-Artikolu 5(8) tar-Regolament (UE) 2015/758 billi jintroduċi referenza għall-verżjonijiet il-ġodda tal-istandards tal-eCall u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi l-ġodda għan-networks packet-switched. Huwa jistabbilixxi wkoll dispożizzjonijiet tranżizzjonali biex jiġi żgurat li, minn ċerta data, il-manifatturi tal-vetturi se jgħammru wkoll vetturi prodotti ġodda taħt approvazzjonijiet tat-tip eżistenti b'sistemi eCall packet-switch sabiex jiggarrantixxu li s-sistema eCall f'dawk il-vetturi tkun operazzjonali wara li n-networks 2G/3G jingħalqu kompletament. Fl-aħħar nett, dan jipprovdi biżżejjed żmien biex il-manifatturi u l-awtoritajiet nazzjonali jadattaw għar-regoli l-ġodda.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Biex jgħin fit-tnejn ta' dan l-att, sar studju ta' sostenn fl-2023. L-istudju eżamina, b'mod partikolari, l-evoluzzjoni tal-eCall fuq medda qasira ta' żmien, notevolment l-inklużjoni tal-komunikazzjonijiet packet-switched, u vvaluta jekk il-kost meta mqabbel mal-benefiċċju ta' dan l-iżvilupp ikunx ta' benefiċċju għaċ-ċittadini u għall-partijiet ikkonċernati. Il-partijiet ikkonċernati ġew ikkonsultati permezz ta' kwestjonarju online, segwit minn intervisti meta kienu meħtieġa aktar informazzjoni u input ewlieni minn gruppi/individwi speċifiċi. Il-kwestjonarju kien jinkludi mistoqsijiet speċifiċi dwar il-kostijiet, u t-tweġibiet ikkontribwew għall-analiżi tal-kost-benefiċċji. B'kollox, intlew 74 kwestjonarju u saru 19-il intervista matul din il-parti tal-istudju.

Il-Kummissjoni kkonsultat ukoll lill-esperti tal-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati matul il-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Vetturi bil-Mutur li saru fl-4 ta' Lulju u fil-5 ta' Ottubru 2023, li kkonfermaw l-appoġġ ġenerali tagħhom. It-tħassib ewlieni li tqajjem kien iż-żmien qasir mogħti lill-industrija tal-karozzi biex tadatta għall-istandards il-ġodda. Madankollu, id-dati obligatorji tal-1 ta' Jannar 2026 għat-tipi ġodda u l-1 ta' Jannar 2027 għall-vetturi ġodda huma essenzjali biex jiġi evitat it-tqegħid fis-suq ta' vetturi ġodda mgħammra b'teknoloġija qadima li se trendi s-sistema eCall mhux funzjonali fil-vetturi f'it wara r-reġistrazzjoni tagħhom. Dawn id-dati jqisu wkoll iż-żmien meħtieġ biex l-Istati

¹ ĠU L 123, 19.5.2015, p. 77.

Membri jaġġornaw l-infrastruttura taċ-ċentri li jirċievu t-telefonati ta' emerġenza (PSAPs, public safety answering points) biex jiżguraw li l-eCalls jaslu u jiġu mmaniġġjati b'mod xieraq fuq in-networks 4G/5G fit-territorju tagħhom. F'dan ir-rigward, ir-Regolament Delegat (UE) Nru 305/2013 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-forniment armonizzat ta' eCall interoperabbli fl-UE kollha² ġie emendat dan l-aħħar biex jipprevedi l-adattament tal-infrastruttura eżistenti tal-PSAPs għall-aktar networks ta' komunikazzjoni packet-switched ġodda sal-1 ta' Jannar 2026.

Dan l-abbozz ta' Regolament Delegat ġie ppubblikat fuq il-portal Semma' Leħnek għal konsultazzjoni pubblika ta' 4 ġimgħat mis-27 ta' Ottubru sal-24 ta' Novembru 2023. Il-feedback riċevut tqies bħala xieraq mill-Kummissjoni fit-test finali tar-regolament.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

Il-bażi legali ta' dan l-att delegat hija l-Artikolu 5(9) u l-Artikolu 6(12) tar-Regolament (UE) 2015/758 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

² ĠU L 91, 3.4.2013, p. 1.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 14.2.2024

li jemenda r-Regolament (UE) 2015/758 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards relatati mal-eCall

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/758 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar ir-rekwiżiti għall-approvazzjoni skont it-tip għall-iskjerament tas-sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq is-servizz 112 u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(9) u l-Artikolu 6(12) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2015/758 jeħtieġ li t-tipi ġodda kollha ta' vetturi tal-kategoriji M₁ u N₁ ikunu mgħammra b'sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq 112.
- (2) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Strateġija għal Mobilità Sostenibbli u Intelligenti² tidentifika l-ħtieġa li l-qafas legali tal-eCall jiġi adattat għal teknoloġiji ġodda tat-telekomunikazzjoni.
- (3) Ir-Regolament (UE) 2015/758 fih lista ta' standards Ewropej, li fuqhom huma bbażati r-rekwiżiti tekniċi għall-approvazzjoni ta' sistemi eCall u vetturi mgħammra b'sistemi bħal dawn.
- (4) Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) Nru 2015/758, il-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN) adotta verżjonijiet ġodda tal-istandard EN 15722 "Sistemi ta' trasport intelliġenti — eSafety — sett minimu ta' *data* għall-eCall (MSD)", u l-istandard EN 16072 "Sistema ta' trasport intelliġenti — eSafety — rekwiżiti tal-operat ta' eCall Pan-Ewropew" u l-istandard EN 16454 "Sistemi ta' trasport intelliġenti — eSafety — Ittestjar għall-konformità minn tarf sa ieħor tal-ECall". Għalhekk, jenħtieġ li dak ir-Regolament jiġi emendat biex jinkludi referenzi għall-verżjonijiet il-ġodda ta' dawk l-istandards.
- (5) L-istandards Ewropej EN 16062 "Sistemi ta' trasport intelliġenti — Esafety — Rekwiżiti ta' applikazzjoni ta' livell għoli ta' eCall (HLAP)" u EN 16454 "Sistemi ta' trasport intelliġenti — eSafety — Ittestjar għall-konformità minn tarf sa ieħor tal-ECall" huma bbażati fuq l-eCall li taħdem fuq networks circuit-switched (2G/3G). Peress li l-operaturi tan-networks mobbli qed jippjanaw it-tneħħija gradwali tan-networks 2G/3G bejn l-2025 u l-2030 fl-Istati Membri kollha, hemm ħtieġa urġenti li s-sistemi ta' telefonati ta' emerġenza mmuntati fil-vettura jiġu adattati għall-aktar networks ta' komunikazzjoni packet-switched ġodda (4G/5G).

¹ ĠU L 123, 19.5.2015, p. 77.

² Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Strateġija għal Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti – inqiegħdu t-trasport Ewropew fit-triq it-tajba għall-futur", COM(2020) 789 final, 9.12.2020.

- (6) Dan l-aħħar ġew adottati żewġ speċifikazzjonijiet tekniċi ġodda relatati mal-eCall ibbażati fuq networks packet-switched mis-CEN f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³. Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2015/758 jiġi emendat biex jinkludi referenza għal dawk l-istandards.
- (7) Biex l-Istati Membri, l-awtoritajiet nazzjonali u l-operaturi ekonomiċi jingħataw biżżejjed żmien biex iħejju għall-implimentazzjoni tas-sistemi eCall immuntati fil-vettura bbażati fuq standards għal networks ta' komunikazzjoni elettronika packet-switched, id-data tal-applikazzjoni ta' dawk l-istandards, fir-rigward tal-approvazzjoni ta' tipi ġodda ta' sistemi eCall immuntata fil-vettura u tipi ġodda ta' vetturi mgħammra b'tali sistemi, jenħtieġ li tiġi differita.
- (8) Barra minn hekk, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li s-sistemi eCall immuntati fil-vettura approvati wara d-data ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2015/758 (jiġifieri l-31 ta' Marzu 2018) u mmuntati f'vetturi ġodda jkomplu jkunu operazzjonali wara li n-networks circuit-switched jingħalqu kompletament fl-Istati Membri kollha. Għal din ir-raġuni, mill-1 ta' Jannar 2027, iċ-ċertifikati ta' konformità ta' tali vetturi ġodda jenħtieġ li ma jitqisux validi għall-finijiet tal-Artikolu 48(1) tar-Regolament (UE) 2018/858⁴ u l-vetturi jenħtieġ li ma jiġux irreġistrati jew jiddaħħlu fis-servizz sakemm ma jikkonformawx mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-eCall packet-switched kif imsemmi f'dan ir-Regolament.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi tar-Regolament (UE) 2015/758

Fl-Artikolu 5(8), it-tieni subparagrafu, il-punti minn (a) sa (d) huma sostitwiti b'dan li ġej:

- “(a) EN 16072:2022 “Sistemi ta' trasport intelliġenti — eSafety — rekwiżiti tal-operat ta' eCall Pan-Ewropew”;
- (b) minn ... [*UP: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*] sal-31 ta' Diċembru 2025 EN 16062: 2023 “Sistemi ta' trasport intelliġenti — eSafety — Rekwiżiti ta' Applikazzjoni ta' Livell Għoli tal-eCall (HLAP)”;
- u mill-1 ta' Jannar 2026 CEN/TS 17184: 2022 “Sistemi ta' trasport intelliġenti — eSafety — Protokolli ta' applikazzjoni ta' livell għoli tal-eCall (HLAP) li jużaw is-subsistema multimedjali IP (IMS) fuq networks packet-switched”;
- (c) minn ... [*UP: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*] sal-31 ta' Diċembru 2025 EN 16454: 2023 “Sistemi ta' trasport intelliġenti — eSafety — Ittestjar għall-konformità minn tarf sa ieħor tal-eCall”;
- u mill-1 ta' Jannar 2026

³ Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12).

⁴ Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1).

CEN/TS 17240: 2018 “Sistemi ta’ trasport intelliġenti — eSafety — Test tal-konformità end to end tal-eCall għal sistemi bbażati fuq packet-switched IMS”;

(d) EN 15722:2020 “Sistemi ta’ trasport intelliġenti — eSafety — sett minimu ta’ *data* għall-eCall (MSD)”;

Artikolu 2

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

1. B’effett mill-1 ta’ Jannar 2025, l-awtoritajiet nazzjonali ma għandhomx jirrifjutaw li jagħtu approvazzjonijiet tat-tip ġodda jew estensjonijiet għal approvazzjonijiet eżistenti għal vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati, fejn daww jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti fis-CEN/TS 17184: 2022 u CEN/TS 17240: 2018, jekk manifattur jitlob dan.

2. B’effett mill-1 ta’ Jannar 2026, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jirrifjutaw li jagħtu approvazzjonijiet tat-tip ġodda jew estensjonijiet għal approvazzjonijiet eżistenti għal vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati, fejn dawn ma jikkonformawx mar-Regolament (UE) 2015/758, kif emendat b’dan ir-Regolament.

3. B’effett mill-1 ta’ Jannar 2027, fil-każ ta’ vetturi ġodda approvati wara l-31 ta’ Marzu 2018 f’konformità mar-Regolament (UE) 2015/758, li ma jikkonformawx mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti f’CEN/TS 17184: 2022 u CEN/TS 17240: 2018, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom iqisu li ċ-ċertifikati ta’ konformità ma għadhomx aktar validi għall-finijiet tal-Artikolu 48(1) tar-Regolament 2018/858.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 14.2.2024

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN